REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/108

tat-23 ta' Jannar 2018

dwar miżura ta' emerġenza fil-forma ta' għajnuna lill-bdiewa minħabba l-għargħar u x-xita qawwija li kien hemm f'ċerti reġjuni tal-Litwanja, tal-Latvja, tal-Estonja u tal-Finlandja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 221(1) tiegħu,

Billi:

(1) Bejn Awwissu tal-2017 u Ottubru ta' dik is-sena, kien hemm xita qawwija fil-Litwanja, fil-Latvja, fl-Estonja u fin-naħa t'isfel tal-Finlandja, hekk li ħafna mir-raba' f'dawn l-Istati Membri spiċċa mgħarraq bl-ilma. Bejn Awwissu tal-2017 u Ottubru ta' dik is-sena b'kollox għamlet ħafna iktar xita milli s-soltu tagħmel bħala medja. Qatt ma kien hemm daqshekk xita fuq perjodu twil. Barra minn hekk, minħabba li x-xitwa bdiet kmieni, u kien hemm temperaturi baxxi u għamlet il-borra, ma kien hemm kundizzjonijiet favorevoli xejn biex isir iż-żrigħ. Minħabba f'hekk, ħafna miż-żrigħ tax-xitwa li kien qed isir jew li kien se jsir għall-għelejjel li jinħasdu fis-sena tal-kummerċjalizzazzjoni tal-2018 u l-2019 ma setax isir.

(2) It-telf fid-dħul li se jsofru fil-ġejjieni l-bdiewa li għandhom l-azjendi fiż-żoni affettwati, kemm minħabba l-ettari ta' raba' li ma jistgħux jintlaħqu biex isir iż-żrigħ u kemm minħabba l-ettari ta' raba' li kienu nżergħu iżda li ntilfu minħabba l-għargħar qawwi, se jwassal għal danni kbar u straordinarji għall-bdiewa affettwati fil-Litwanja, fil-Latvja, fl-Estonja u fil-Finlandja fis-sena tal-kummerċjalizzazzjoni tal-ħsad tal-2018 u l-2019 li ġejja. Dan jikkostitwixxi problema speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Il-miżuri li jittieħdu skont l-Artikolu 219 jew l-Artikolu 220 ta' dak ir-Regolament ma jistgħux jindirizzaw din il-problema speċifika minħabba li din la hija marbuta b'mod speċifiku ma' tfixkil eżistenti fis-suq jew ma' theddida preċiża attwali tiegħu, u lanqas ma hija marbuta ma' miżuri biex jikkumbattu t-tixrid ta' mard fl-annimali jew it-telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti.

(3) Bħala miżura eċċezzjonali, jenħtieġ li jiġi previst kumpens finanzjarju għall-ettari eliġibbli fiż-żoni affettwati sabiex jingħata kumpens għat-telf ekonomiku li se jkun hemm fil-ġejjieni b'rabta mas-sena tal-kummerċjalizzazzjoni tal-ħsad tal-2018 u l-2019 li ġejja.

(4) Mil-lat tal-istabbiltà tas-suq tal-Unjoni, huwa fl-interess tal-Unjoni li l-miżura tkun tapplika biss għal dawk il-bdiewa li se jsofru minn telf fid-dħul tagħhom minħabba t-telf fiż-żoni taż-żrigħ tax-xitwa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-għajnuna tkun limitata għal dawk il-bdiewa li ntlaqtu l-iktar minn dawn iċ-ċirkustanzi. Jenħtieġ li bidwi jitqies bħala bidwi li ntlaqat l-iktar minn dawn iċ-ċirkustanzi jekk iż-żoni taż-żrigħ tax-xitwa tiegħu li jkun tilef fi Stat Membru partikulari jkunu jammontaw għal mill-inqas 30 % miż-żoni kollha taż-żrigħ tax-xitwa tiegħu f'dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat kull riskju li jingħata kumpens żejjed, jenħtieġ li tiġi limitata l-għajnuna għal kull ettaru eliġibbli li ma jistax jintuża għaż-żrigħ tax-xitwa minħabba l-għargħar. Għalhekk jenħtieġ li d-deċiżjoni tal-Istati Membri kkonċernati dwar l-ammont tal-għajnuna għal kull ettaru eliġibbli ma taqbiżx l-ammont medju tal-pagamenti diretti għal kull ettaru li kien hemm fis-sena kalendarja tal-2017 f'dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-ammont totali tal-għajnuna u l-allokazzjoni ġenerali tal-baġit jissejsu fuq it-tagħrif li l-Istati Membri kkonċernati bagħtu dwar l-għadd ta' ettari li ġew affettwati mill-għargħar u mix-xita qawwija.

(5) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' finanzjament doppju, jenħtieġ li ma jkunx ingħata kumpens għat-telf rilevanti tal-ettari eliġibbli permezz ta' xi tip ta' għajnuna mill-Istat jew ta' xi assigurazzjoni, u jenħtieġ li l-għajnuna tkun limitata għall-ettari eliġibbli li għalihom ma jkun ingħata l-ebda kontribut finanzjarju ieħor mill-Unjoni għall-istess telf.

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jitħallew jagħtu appoġġ addizzjonali bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-limitu taż-żmien stabbilit fih.

(7) L-għajnuna tista' tingħata biss abbażi ta' applikazzjoni magħmula skont il-metodi u l-limiti taż-żmien stabbiliti fil-liġijiet nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

(8) Jenħtieġ li jkun previst li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn u jwettqu l-verifiki kollha meħtieġa u jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan kif xieraq. B'mod partikulari, jenħtieġ li dawk il-verifiki jkunu jinkludu verifiki dwar l-eliġibbiltà u l-korrettezza tal-applikazzjoni għall-għajnuna. Jenħtieġ li l-għadd ta' ettari eliġibbli jiġi ċċekkjat abbażi tal-metodi kollha x-xierqa li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, fosthom permezz ta' verifiki fl-azjendi agrikoli.

(9) Jenħtieġ li l-miżura ta' emerġenza tkun limitata għal perjodu massimu ta' 12-il xahar li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(10) Għal raġunijiet ta' ġestjoni baġitarja soda tal-miżura u ta' pagament f'waqtu lill-bdiewa, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni biss dawk il-pagamenti li l-Istati Membri kkonċernati jagħmlu lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2018. Jenħtieġ li ma jkunx japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([1]).

(11) Sabiex l-Unjoni tkun tista' timmonitorja l-effiċjenza ta' din il-miżura ta' emerġenza, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jibagħtu lill-Kummissjoni tagħrif iddettaljat dwar l-implimentazzjoni tagħha. Sabiex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-kontroll finanzjarju tagħha, jenħtieġ li dawn l-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fil-limiti tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 5, l-għajnuna tal-Unjoni għandha tkun disponibbli għall-bdiewa li għandhom ettari ta' raba' li jinsabu fil-Litwanja, fil-Latvja, fl-Estonja u fil-Finlandja li ma jistgħux jintużaw għaż-żrigħ tax-xitwa jew li kienu nżergħu bl-għelejjel li kienu se jinħasdu fis-sena tal-kummerċjalizzazzjoni tal-2018 u l-2019 iżda li ntilfu minħabba x-xita qawwija li għamlet u l-għargħar li kien hemm f'dawk l-Istati Membri bejn Awwissu tal-2017 u Ottubru ta' dik is-sena, dejjem jekk:

(a) dawk l-ettari tar-raba' jkunu jammontaw għal mill-inqas 30 % miż-żona kollha taż-żrigħ tax-xitwa ta' dak il-bidwi fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) il-bdiewa ma jkunux ibbenefikaw minn xi tip ta' għajnuna mill-Istat, minn xi assigurazzjoni jew minn għajnuna ffinanzjata minn kontribut tal-Unjoni għall-istess telf minbarra l-għajnuna prevista f'dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jistabbilixxu l-għadd ta' ettari eliġibbli għal kull bidwi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

Artikolu 2

1. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddeċiedi l-ammont tal-għajnuna għal kull ettaru eliġibbli bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 4.

2. In-nefqa tal-Unjoni li tiġġarrab skont l-Artikolu 1 ma għandhiex taqbeż l-ammonti totali li ġejjin:

(a) EUR 9 120 000 fil-każ tal-Litwanja;

(b) EUR 3 460 000 fil-każ tal-Latvja;

(c) EUR 1 340 000 fil-każ tal-Estonja;

(d) EUR 1 080 000 fil-każ tal-Finlandja.

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

3. L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jagħtu appoġġ addizzjonali għall-ettari eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), li jkun sa ammont massimu ta' 100 % tal-ammont deċiż skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri kkonċernati għandhom iħallsu l-appoġġ addizzjonali sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2018.

4. Għal kull Stat Membru, l-ammont totali tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 u, jekk ikun japplika, tal-appoġġ addizzjonali msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż l-ammont tal-pagamenti diretti kif ikkalkulat billi l-pakkett finanzjarju nazzjonali stabbilit għal dak l-Istat Membru għas-sena kalendarja tal-2017 fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jiġi diviż bl-għadd totali tal-ettari eliġibbli ddikjarati fis-sena kalendarja tal-2017 fl-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 72(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

Artikolu 3

L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 għandha titħallas biss abbażi ta' applikazzjoni li l-bdiewa li jkollhom ettari eliġibbli jagħmlu skont il-metodi u l-limiti taż-żmien stabbiliti fil-liġijiet nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 4

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha li hemm bżonn, fosthom kontrolli amministrattivi u verifiki fuq il-post eżawrjenti, skont l-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, sabiex jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. B'mod partikulari, qabel ma jagħtu l-għajnuna, l-Istati Membri għandhom iwettqu:

(a) kontrolli amministrattivi b'rabta mal-applikazzjonijiet kollha għall-għajnuna, fosthom:

   (i) kontrolli dwar l-eliġibbiltà tal-applikant;

   (ii) kontrolli dwar l-għadd ta' ettari eliġibbli skont l-Artikolu 1(2) abbażi ta' verifiki fl-azjendi agrikoli, tar-reġistri storiċi u tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 ([3]);

   (iii) verifiki li l-ebda applikant eliġibbli ma jkun irċieva finanzjament minn sorsi oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(b) għall-istess ettari;

(b) verifiki fuq il-post fil-bini tal-applikanti.

Il-verifiki fuq il-post għandhom ikopru tal-inqas 5 % mill-għajnuna kollha li tintalab.

Artikolu 5

1. In-nefqa fuq il-pagamenti li jsiru skont dan ir-Regolament għandha tkun eliġibbli biss għall-finanzjament mill-Unjoni jekk dawk il-pagamenti jkunu saru lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2018.

2. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ma għandux japplika.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ttieħdu skont l-Artikolu 4 sa mhux aktar tard minn 60 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69).

2. Sa mhux aktar tard minn 15-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu rapport iddettaljat lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jkun fih dettalji dwar l-eżekuzzjoni tal-miżuri li jkunu ttieħdu u tal-verifiki li jkunu twettqu skont l-Artikolu 4.

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER